MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 13/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Jannar 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-31 ta' Ottubru 1972 fil-Bazilika ta' Maria Bambina, l-Isla, u mill-liema zwieg taghhom twieldu wlied illum ilkoll maggorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontedententi saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, swat, minacci, adulterju u ingurji gravi, kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u

minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

Illi *in oltre* l-hajja konjugali bejn il-partijet saret impossibbli minhabba inkompatibilita ta’ karattru;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Novembru 2003, digriet numru 1723/03 anness u markat bhal Dok “A”;

Illi skond l-istess digriet imsemmi, il-konvenut *inter alia* gie ordnat *pendente lite* jivvaka mid-dar matrimonjali fi zmien tlett (3) xhur mid-data tad-digriet;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Gatt minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi konvenut ikkometta kontra l-attrici martu u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tordna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-imsemmija atrici u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita’ ta’ hin, lok u gurnata ta’ pagament li tigi wkoll stabbilita inkluz provveddiment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mill-pensjoni tal-konvenut;

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta** fis-shih jew parzjalment b’dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta lok li ssir din is-separazzjoni;

4. Illi ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti *okkorrendo* b' opera ta' perit nominandi;

5. Illi tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;

6. Illi tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici *proprio* fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali taghha nkluz flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat *occorrendo* permezz ta' perit nominandi;

7. Illi tordna lill-attrici tghix esklussivament fid-dar konjugali ghoxrin (20), Triq il-Kurcifiss, l-Isla, *ad eskluzjoni* tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut lil minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta' xhieda u tad-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 3 ta' Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici, tal-avviz tal-appuntament tal-kawza, tad-digriet nota guramentata u tad-digriet affidavit tal-partijiet lill-kontroparti, appuntat il-kawza ghat-trattazzjoni ghat-12 ta' Ottubru 2004 u appuntat lil Perit Legali Dr. Christine Bondin tappunta is-seduti ghal kull parti ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attrici fil-3 ta' Mejju 2004 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretensjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx.
Rat il-verbal datat 3 ta' Gunju 2004, fejn Dr. Ludvic Caruana ghall-attrici ta ruhu b' notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta' l-attrici **A**, datata 9 ta' Awissu 2004, a fol. 23, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u ta' bintha **Joanne Gatt**.

Rat il-verbal datat 18 ta' Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita, ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Christine Bondin minn fol. 34 sa fol. 38.

Rat il-verbal datat 13 ta' April 2005, fejn il-Perit Legali Dr. Christine Bondin li halfet ir-rapport. Dr. Ludvic Caruana ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-konvenut ikkonferma li ma ghandux avukat.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Christine Bondin minn fol. 42 sa fol. 54 tal-process.

Rat il-verbal tat-30 ta' Gunju 2005, fejn il-konvenut rega' ikkonferma lil ma kellux avukat u lanqas mar ghand avukat tal-ghajnuna legali. Il-Qorti tat ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lill-kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2005.

Rat li l-konvenut minkejja li gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza personalment fis-27 ta' Awissu 2004 kif jidher mir-riferta relattiva a tergo ta' fol. 30 tal-process (Marixxal Victor Agius) huwa baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u baqa' kontumaci.

Rat li l-istess konvenut li deher fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2004 (fol.55 tal-process) u inghata l-fakolta' li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet f'terminu ta' ghoxrin (20) gurnata ma ghamel xejn u ma pprezenta xejn u l-ebda atti fil-process ta' din il-kawza.

Rat x-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **A** ipprezentat affidavit taghha flimkien ma dak ta' bintha **Joanne Gatt**. *In oltre* gie prodott l-**Ispettur Norbert Ciappara** in rapprezentanza ta' l-Iskwadra kontra id-Droga.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici spjegat li l-problemi matrimonjali bdew wara sentejn miz-zwieg. Hija ddikjarat li zewgha qatt ma hadem fi tletin (30) sena u dejjem tafu jirregistra. Hija tghid illi mill-beneficcji socjali li kien iddahhal zewgha kien jikkontribwixxi zewg liri (Lm2) kuljum ghall-bzonnijiet tal-familja.

Illi minbarra l-fatt li zewgha naqas milli jipprovdi b'mod xieraq ghall-bzonnijet tal-familja tieghu, l-attrici semmiet ukoll nuqqasijiet serji ohra tal-konvenut fosthom il-vizzju tax-xorb u anki l-vjolenza fizika fil-konfront taghha, liema manifestazzjonijiet ta' vjolenza kienu sahasitra isiru quddiem it-tfal.

Illi mill-affidavit ta' l-attrici kif ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Ciappara jirrizulta wkoll li l-konvenut qabad it-triq tal-kriminalita' u fil-fatt qieghed jistenna li jibda ghaddej guri.

Illi jirrizulta li l-konvenut kien ghal kollox maqtugh mill-hajja familjari u kien izomm lil familtu barra mill-hajja 'personali' tieghu tant li meta saret tfittxija mill-Pulizija fid-dar-matrimonjali lanqas biss ta sodisfazzjon lill-attrici dwar x'kien qed jigri

Illi jirrizulta illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti biss fi dritt ta' lokazzjoni tad-dar matrimonjali 20, Triq il-Kurcifiss, Senglea fejn l-attrici tghix maz-zewgt itfal maggorenni.

Illi minbarra l-lokazzjoni tal-fond matrimonjali l-unika assi ezistenti hija l-ghamara u l-*appliances* li jinsabu fid-dar matrimonjali li kumplessivament huma stimati mill-attrici li jiswew Lm 600. Hija tghid ukoll li *'Kull ma ghandi llum tahuli missieri matul iz-zwieg'.*

Illi dwar oggetti parafernali u dotali l-attrici xehdet li la hi u lanqas zewgha ma gabu xejn maghhom minn qabel iz-zwieg.

Illi bint il-partijiet **Joanne Gatt** li llum ghandha mas-27 sena ikkonfermat u kkoroborat dak kollu li tghid ommha f'dak illi jirrigwarda l-vjolenza fizika li kienet ssofri l-attrici minn taht idejn il-konvenut. Hija tikkonferma wkoll in-nuqqas ta' interess li l-konvenut kellu fil-familja u tghid *"missieri qatt ma agixxa maghna ta' missier … djalogu, rispett u mhabba xejn'.* Hi tghid li kagun ta' l-atti vjolenti da parti tal-konvenut ommha ghandha hafna marki fuq rasha u fuq xuffetjha.

Illi l-istess xhud xehdet ukoll dwar in-nuqqas gravi ta' rispett li l-konvenut kellu fil-konfront ta' martu l-attrici u tghid li *'kif kien jaraha ghaddejja kien jobzqilha'.* Hi tghid ukolli li *'Gieli kien ukoll vjolenti verbalment; jaqbad joffendi u ma jieqafx'.*

Illi bint il-kontendenti xehdet ukoll fuq l-allegata infedelta' ta' missierha u stqarret li *"missieri ghandu mara ohra. Jiena stess rajtu maghha gewwa Hal Tarxien"*. Dwar l-infedelta' din is-sentenza fl-affidavit ta' Joanna Gatt hija l-unika referenza.

Illi l-**Ispettur Norbert Ciappara** esebixxa l-fedina penali tal-konvenut liema fedina tikkonsisti fi tlett faccatti b'kundanni ghal reati/kontravenzzjonijiet li huma datati bejn il-5 ta' Gunju 1964 sas-17 ta' Gunju 2004. il-bicca l'kbira tar-reati huma konnesssi ma' regolamenti tat-traffiku u partikolarment ma' sewqan bla licenzja. L-ahhar kundanna ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin hija in konnessjoni ma' serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz lok u valur. L-Ispettur Ciappara xehed li *inoltre* l-konvenut

ghadda kumplilazzjoni fuq traffikar ta’ droga u li hareg att ta’ akkuza kontra tieghu u qed jistenna li jghaddi guri.

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi din il-Qorti thoss li wara li rat ix-xhieda kollha prodotta thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u f’dan is-sens thoss li gie ampjament ippruvat li l-konvenut kien u huwa hati fil-konfront ta’ l-attrici ta’ eccessi, sevizzi u ngurji gravi u dan l-aktar peress li mill-affidavit ta’ l-attrici u dak ta’ bintha. Irrizulta li kien vjolenti fil-konfront ta’ martu u dan tul l-istess zwieg kollu liema episodji ta’ vjolenza kienu tant gravi li l-attrici ghada ggorr il-marki sal-lum, kif xehdet bintha. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ghandha tghid li dan huwa kaz ta’ vjolenza domestika klassiku fejn ghal snin twal l-attrici u wliedha gew suggetti ghall-mohqrija u vjolenza morali u fizika kontinwa u persistenti u fil-fatt kien ghalhekk li meta l-attrici ddecidiet li tiehu l-passi kontra zewgha, almenu mill-att civili, huwa gie ordnat jizgombra mid-dar konjugali fi zmien tlett xhur mid-data tad-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi b’digriet relattiv datat 12 ta’ Novembru 2003 (Digriet Numru 1732/2003) a fol. 7 sa 9 tal-process. Fil-fatt jidher li l-istess konvenut hareg mid-dar konjugali fit-12 ta’ Frar 2004.

Illi jirrizulta wkoll li s-sitwazzjoni giet anki aggravata mill-fatt mhux biss li l-istess konvenut ghandu l-vizzju tax-xorb, izda wkoll li l-istess konvenut ghal snin shah qatt ma’ assuma l-l-obbligu li jmantni lil martu u lil uliedu u fil-fatt qatt ma’ hadem regolarment.

Illi din il-Qorti thoss biss li dak li effettivament ma giex ippruvat fl-azzjoni attrici hija l-allegazzjoni ta’ adulterju, u dan *stante* li hemm biss referenza ghal l-istess fl-ahhar ta’ l-affidavit ta’ bint l-attrici li jammontax certament ghall-prova konkludenti dwar l-istess u hawn ukoll il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali.

Illi apparti dak li gja inghad ix-xhieda ta’ l-attrici bl-ebda mod ma giet ikkontrastata anke peress li l-konvenut baqa’ ma rrispondiex ghac-citazzjoni attrici minkejja li kien

debitament notifikat. Dan il-fatt stess juri n-nuqqas assolut ta’ interess ma’ dak kollu li ghandu x’jaqsam mal-hajja familjari tieghu li lanqas ghamel tentattiv biex jsegwi dawn il-proceduri, u dan minkejja li l-Qorti stess taghtu diversi opportunatijiet sabiex jaghmel dan u dan anke seduta *stante*, u kif ukoll hemm verbalizzat fl-atti ta’ din il-kawza.

Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi prodotti fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-htijiet unikament imputtabbli lill-konvenut konsistenti f’eccessi, sevizzi, swat u vjolenza domestika, minacci, u ingurji gravi li l-konvenut ikkometta kontra l-attrici u li kawza ta’ l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli.

Illi dwar it-tieni talba attrici jirrizulta li l-konvenut qatt ma hadem u dejjem irregistra ghax-xoghol u ghalhekk l-uniku introjtu ufficjali tieghu huwa dak li jdahhal mill-beneficcji socjali. Illi hemm il-possibilta’ ukoll li l-konvenut jispicca jehel sentenza ta’ prigunerija u ghaldaqstant ma jkunx f’posizzjoni li jhallas manteniment ghal martu. Il-mara da parti taghha issa qed tircievi l-ghajnuna socjali direttament u ghaldaqstant it-talba ghall-manteniment ghandha tigi milqugha fis-sens biss li l-attrici ghandha dritt ta’ manteniment minghand il-konvenut, izda peress li l-konvenut ma jirrizultax li jahdem bi qliegh, ma’ tista’ tigi ffissata l-ebda rata ta’ manteniment f’din id-decizjoni, ghalkemm id-dritt ta’ azzjoni ta’ l-attrici ghall-istess kontra zewgha jibqa’ impregudikat.

Illi t-tielet talba ghandha tigi milqugha b’dan li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-diposizzjonijiet kollha relattivi ta’ l-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** fl-*intier* taghhom.

Illi b’konsegwenza tat-talbiet attrici din il-Qorti tordna wkoll li komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mit-13 ta’ Mejju 2003 b’dan illi bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 u ta’ l-artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16,** u sabiex jaghmel tajjeb *in parte* tan-nuqqas ta’ manteniment tal-konvenut lill-attrici u allura

wkoll *in parte* ghal arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici, u anke tenut kont tal-fatt li l-attrici kellha tirrikorri ghall-mantniment taghha minn mezzi ohra u ghajnuna socjali mill-Gvern u l-Awtoritajiet kompetenti, din il-Qorti tordna wkoll li l-kirja tad-dar matrimonjali 20, Triq il-Kurcifiss, Senglea, ghandha tigi assenjata lill-attrici b'dan li hija tkun responsabbli ghall-hlas ta' kull kera taghha dovuta lil terzi.

Illi ghall-istess raguni u ghar-ragunijiet ohrajn li qed jigu hawn indikati din il-Qorti tordna u tiddeciedi li fir-rigward tal-kontenut tad-dar konsistenti fil-ftit ghamara ta' valur mimimu jew zghir u allura b'rilevanza ghat-totalita' tal-mobbli u oggetti kollha li jinsabu fl-istess imsemmi fond 20, Triq il-Kurcifiss, Senglea, dawn ghandhom jibqghu f'idejn u qed jigu assenjati lill-attrici u dan kemm minhabba dak premess u kemm minhabba il-fatt li l-ghamara u l-oggetti hemm elenkati fl-affidavit ta' l-attrici jikkonsistu f'oggetti ta' bzonnijet bazici taghha, u fl-ahharnet minhabba l-fatt li minn dawn l-atti jirrizulta li certament l-istess oggetti ma gewx akkwistati permezz ta' attivita' jew bil-hila tal-konvenut, li jirrizulta li effettivament qatt ma hadem u lanqas qatt ma' kien jikkontribwixxi bizzejjed ghall-hajja ta' kuljum ta' familtu. Illi minbarra dan skond ix-xhieda ta' l-attrici dawn l-oggetti inghataw lilha minn missierha.

Illi rigward is-sitt talba attrici din it-talba ghandha tigi michuda minhabba nuqqas ta' provi. Min-naha l-ohra s-seba' talba ghandha tigi milqugha minhabba n-natura u l-karattru vjolenti tal-konvenut, b'dan li l-istess fond ma' ghandux jibqa' jigi meqjus bhala il-fond matrimonjali u jigi ddikjarat li l-konvenut ma' ghandu b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li **tichad is-sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Gatt minhabba eccessi, sevizzi, swat u vjolenza domestika, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkometta kontra l-attrici u li kawza ta’ l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali ma’ ghadhiex aktar possibbli;

(2) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li din il-Qorti tiddikjara li l-attrici ghandha dritt ta’ manteniment minghand il-konvenut, izda peress li l-konvenut ma jirrizultax li jahdem bi qliegh, ma’ tista’ tigi ffissata l-ebda rata ta’ manteniment f’din id-decizjoni, ghalkemm id-dritt ta’ azzjoni ta’ l-attrici ghall-istess kontra zewgha jibqa’ impregudikat;

(3) Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta** fl-*intier* taghhom b’dan li tiddikjara li l-konvenut jitlef kull jhedd li seta’ kellu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici;

(4) u (5) Tilqa’ dawn it-talbiet fis-sens li xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett mit-13 ta’ Mejju 2003 u tillikwida u tassenja l-istess b’dan illi bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 u ta’ l-artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16,** u ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti tordna li l-kirja tad-dar matrimonjali 20, Triq il-Kurcifiss, Senglea, ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attrici b’dan li hija tkun responsabbli ghall-hlas ta’ kull kera taghha dovuta lil terzi.

Illi ghal l-istess raguni u ghar-ragunijiet ohrajn li gew indikati iktar il-fuq f’din is-sentenza din il-Qorti tordna u tiddeciedi li l-kontenut kollu tad-dar imsemmija konsistenti wkoll f’mobbli w oggetti ohra li jinsabu fl-istess imsemmi fond 20, Triq il-Kurcifiss, Senglea, dawn ghandhom jibqghu f’idejn u qed jigu assenjati esklussivament lill-attrici.

(6) Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi;

(7) Tilqa’ din it-talba u tordna lill-attrici tghix esklussivament fid-dar ghoxrin (20), Triq il-Kurcifiss, l-Isla, *ad eskluzjoni* tal-konvenut, b’dan li jigi ddikjarat li l-istess konvenut ma ghandu ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond u bl-ebda mod ma ghandu jersaq u wisq inqas jittenta jidhol fl-istess fond.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------